# KIF BDIET U MXIET L-AKKADEMJA TAL-MALTI

**Iktar Tagħrif miġbur minn G. ZARB ADAMI**

BILLI KIF ĠA GĦIDT, kien hawn min xtaq ikun jaf aktar fuq il-kitba maltija, bħalma kien hawn min xtaq jikkritikaha bla ma lanqas kien qara sewwa t-*Tagħrif;* sa mill-ewwel ħarġa ta' *Il-Malti,* F.S. Caruana beda jippublika "Il-Grammatika Maltija fiċ-Ċokon" u Ninu Cremona beda sensiela ta' "Mistoqsijiet u Tweġibiet" biex iwitti t-triq għal min ried jitgħallem. Oħrajn bdew jiktbu fuq "Is-Sengħa tal-Kitba," u jagħtu tagħrif siewi fuq il-Morfoloġija, l-Etimoloġija u l-Vokabbolarju ta' l-Ilsien Malti.

F'Marzu ta' l-istess sena, jiġifieri fl-1925, f'taħdita li saret f'Palazzo De La Salle, il-Belt, f'laqgħa tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, Ninu Cremona fisser "X'Inhu l-Malti Safi" biex jipprova jaqta' żżarda lil ħafna li riedu jitkessħu. Min kellu widnejn u ried jisma' sama' u min kellu moħħ u ried jifhem fehem, iżda ħafna baqgħu la riedu jisimgħu u lanqas jifhmu għax l-egoiżmu u l-passjoni politika kienu dennsulhom moħħhom, tarrxuhom u għemewhom.

Fil-qoxra ta' wara ta' *Il-Malti,* ħarġa ta' Settembru, 1926, il-Għaqda, sabiex tħajjar liż-żgħażagħ jinteressaw ruħhom f'ilsienna, u jibdew jiktbu bih b'xejra letterarja, nidiet Konkors għal Novelli Oriġinali Miktuba fl-Ortografija Tagħha. L-eżaminaturi kienu l-Onor. Professur (wara Sir) Temi Zammit, M.D., C.M.G., ir-Rev.du Mons. Dun Karm Psaila u s-Sur (wara Dr.) Ninu Cremona. L-ewwel premju ħadu Ġuże' Galea — illum Kav. Professur Dr Ġ. Galea, President tal-Akkademja tal-Malti, kariga li ilu jokkupa aktar minn tletin sena — bin-novella HENA u ĠID; it-tieni ħaditu "TONINU" ta' Ġuże' Bonnici li flimkien ma' (Dr.) Rużar Briffa, għax imħajrin mill-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, waqqaf l-Għaqda tal-Malti (Univ.) u li wara li sar Tabib beda, fl-1938, joħroġ dik is-sensiela ta' kotba bil-Malti: "Ġabra ta' Kitba Maltija," fosthom "IL-QAWWA ta' l-IMĦABBA" tiegħu stess, "TAĦT TLIET SALTNIET" ta' Ġuże' Aquilina, li wara sar Avukat u laħaq, kif għadu (wara li ntbagħat jistudja l-Ingilterra u ħa d-Dottorat fil-Filosofija, fl-Ilsna Orjentali) Professur fl-Universita' tagħna tal-Malti u ta' l-Ilsna Orjentali — it-tieni wieħed li okkupa din il-Kattedra, jiġifieri wara Mikiel Anton Vassalli; dan ir-rumanz kien ġie l-ewwel fil-Konkors ta' Rumanzi imniedi mill-Gvern. Ġuże' Bonnici stampa u ppubblika għadd ta' kotba oħra, imma forsi l-aktar importanti kienu t-tlieta tal-Poeżija

jew "IL-GĦANA TA' DUN KARM," jiġifieri "X'ĦABB IL-POETA" (1939); "X'EMMEN IL-POETA" (1939) u "X'GĦAMEL IŻJED IL-POETA" (1940). Ingħatat ukoll tifħira ta' ġieh lil Ġino Muscat Azzopardi għan-novella "Xagħar Safrani". Dawn it-tliet novelli kienu wara ppubblikati fi "IL-MALTI"

Fl-istess sena, jiġifieri fl-1926, l-Għaqda ma' "Il-Malti" ħarġet żjieda, b'Numru Speċjali miktub kollu kemm hu minn studenti ta' l-Università'. Kif wieħed jista' jissoponi, dan għamlitu biex issaħħaħ il-ħajra għall-kitba bil-Malti li, kif rajna kienet ġa nibtet fl-Università'. Rużar Briffa ħa ħsieb l-edizzjoni ta' dak in-Numru Speċjali u fih dehru kontribuzzjoni minn: (Dr.) Ferdinandu Calleja, (Dr.) Rużar Briffa, (Prof. Dr.) Ġuże' Galea, Carmelo Cassar, (Dr.) Ġuże' Bonnici, (Kav.) J.P. Vassallo, C. Vassallo u (Dr.) Walter Fava.

Hawnhekk, wieħed ma jistax ma jiftakarx f'dawk il-qalbiena studenti (jaħasra mhux kollha baqgħu dejjem u kullimkien iħobbu l-Malti u jgħinuh mil-aħjar li jistgħu) li issieħbu ma' Rużar Briffa u Ġużè Bonnici — Alla jaħfrilhom it-tnejn u jagħti lilhom u lil qrabathom dak li jeħtieġu — u sfidaw l-atmosfera ta' sfiduċja li dak iż-żmien kienet teżisti fl-Università ta' Malta. Ma' tagħhom irridu nżidu l-ħajr ta' kull min iħobb tassew il-Malti, u mhux għax imbagħad jew issa jaqbillu, lill-Professuri Saydon, Thuema Relf — it-tnejn ukoll ħallewna, Alla jagħtihom il-mistrieħ ta' dejjem — u lill-Professur Ġużè Aquilina li ma beżgħux juru fehemthom u bla ma għawġu fi triqthom baqgħu mexjin 'il quddiem sakemm ilsum il-Malti għandu bħalma jixraqlu Kattidra mhux biss fl-Università, imma sar ukoll, m'ilux wisq, — u nagħtu tifħir lil min jistħoqqlu — wieħed miż-żewġ ilsna uffiċjali tagħha.

Insellmu wkoll lil dawk li kienu jmorru fl-istamperija ċ-ċkejkna fi Strada Sant'Ursola, il-Belt, li kien xtara Ġużè Bonnici, biex jagħtu daqqa t'id u jgħinu fl-istampar u l-pubblikazzjoni ta' dawk il-kotba li semmejna li tant swew biex tinfirex il-letteratura maltija u jqawwu qalb il-kittieba maltin. Ma' dawn ngħoddu wkoll lil dawk li għenu mod ieħor bħal Sir Harry Luke, li kien Logu-Tenent Gvernatur ta' Malta u kien jaf japprezza l-ġmiel ta' l-Ilsien Malti u Dr. Albert Laferla, dak iż-żmien Direttur ta' l-Istruzzjoni Pubblika, kif jistqarr l-istess Ġużè Bonnici fil-ktieb "Sħaba Sewda u Tnax-il Novella Oħra."

L-Ilsien Malti, kif jidher saħansitra mill-isem tal-Kattedra tal-Malti hu bħall-Ilsien Ingliż, ilsien imħallat, jiġifieri fil-morfoloġija hu semin, fiiwaqt li fis-sintassi jimxi x'aktarx fuq dik tat-Taljan (kif kienet għall-ewwel timxi wkoll il-prosodija). Il-vokabbolarju hu wkoll imħallat: fih kliem ta' nisel semitiku u ieħor ta' nisel neo-latin jew romanz u f'dawn l-aħħar 150 sena xi ftit ukoll ta' nisel ingliż; imma l-kliem barrani meta jidħol sewwa biex jieħu s-sudditanza joqgħod għar-regoli tal-

morfoloġija maltija, filwaqt li ftit ieħor, mimli konsonanti, speċjalment fil-bidu u f'tarf il-kelma, jibqa' iebes u barrani. Xejn ma għandna għax nistagħġbu għax ġara u qed jiġri hekk fl-Ilsien Malti, għax dan jiġri fl-ilsna ħajja kollha billi l-ilsna ħajja huma bħal dik is-siġra b'saħħitha li ma' tul ħajjitha tant twaqqa' weraq mejjet u tant toħroġ jew ittalla' oħrajn ġodda; hekk jagħmel l-Ingliż, hekk jagħmel it-Taljan u hekk jagħmel il-Malti. Anzi nistgħu kważi nqisuh miraklu li lsien ta' poplu hekk żgħir u fqir, bħalma hu tagħna, kellu l-ħila jżomm l-individwalità tiegħu, minkejja li għal mijiet, biex ma ngħidx eluf ta' snin, l-art tagħna kienet dejjem maħkuma mill-barrani li qatt ma naqas għall-finijiet ta' moħħu li jipprova jdaħħal lil ilsienu biex jaqla' barra mill-amministrazzjoni dak tagħna, jew għallinqas inaqqaslu l-importanza tiegħu u b'hekk ikun jista' jiddomina b'inqas tfixkil u nkwiet għalih.

Iżda dan ma nistgħux ngħiduh għall-barranin kollha għax hu minnu li mhux kollha stmerrew il-Malti. Infatti, ir-Rev.du C.L. Dessoulavy, fit-28 ta' Awissu, 1928, bħala Delegat tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, ħa sehem fis-17-il Kungress Internazzjoniali tal-Orjentalisti li sar f'Oxford, l-Ingilterra, u qara "paper" fuq "THE DEVELOPMENT OF MALTESE AS A WRITTEN LANGUAGE AND ITS AFFINITIES WITH OTHER SEMETIC TONGUES" li kienet imħejjija minn Dun Pietru Pawl Saydon u s-Sur Nin Cremona, u li wara tqiegħdet fil-BRITISH MUSEUM biex isservi ta' referenza għall-istudjużi tal-lingwi orjentali. F'Marzu tas-sena ta' wara, imbagħad, il-(Prof.) Dun Pietru Pawl Saydon għamel taħdita f'Palazzo De La Salle, il-Belt, sewwa sew fuq "IL-MALTI U L-ILSNA SEMIN."

Il-Professur S.M. Zarb, O.P. ukoll interessa ruħu ħafna f'din il-kustjoni u nsibuh jikteb fuq dan is-suġġett fi "Il-Malti" fil-ħarġiet ta' Ġunju, Settembru u Diċembru, 1926, f'dawk kollha tas-sena 1927, f'ta' Marzu, Settembru u Diċembru, 1928, u f'dik ta' Ġunju, 1929.

**(Jissokta)**

* * *

## AVVIŻ IMPORTANTI!

**Nixtiequ nfakkru mill-ġdid lill-qarrejja tagħna, sew lill-Membri Akkademiċi kif ukoll lill-abbonati fi IL-MALTI, biex sa l-aħħar ta' din is-sena jħallsu s-sħubijiet tagħhom jekk għadhom ma għamlux din il-ħaġa. Dawk li rċevew nota biex iħallsu għaliex qegħdin xi snin lura jkun jeħtieġ li jiskuntaw id-dejn tagħhom mill-aktar fis possibli. Mhux bi-ħsiebna nibqgħu nibgħatu r-rivista tagħna lil dawk li ilhom is-snin ma jħallsu għaliha. Niftakru li l-ispejjeż ta' l-istampa u tal-posta kibru ħafna u dawn kollha jridu jitħallsu mill-fondi ta' l-Akkademja tal-Malti.**